# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 144/2022 NC**

**Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali Numru 5726/2021 ippreżentata fit-30 ta' Diċembru 2021 fl-ismijiet:**

**Princess Holdings Limited (C72528) u għal kull interess li jista' jkollha No Deposit Cars Malta Limited (C85780)**[1]

**vs.**

**Moira Micallef**

**Digriet kamerali mogħti illum, l-Erbgħa 30 ta' Marzu 2022**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrenti Moira Micallef (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fil-21 ta' Frar 2022 fejn talbet lil din il-Qorti s-segwenti:

[1] Il-Qorti tinnota li l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 5726/2021 ġiet ippreżentata mis-soċjeta' Princess Holdings Limited kontra Moira Micallef u li l-kliem *"u għal kull interess li jista' jkollha No Deposit Cars Malta Limited (C85780)"* ġew miktuba fl-okkju ta' dan id-Digriet *stante* li l-okkju ġie hekk indikat fir-Rikors promutur ippreżentat mir-rikorrenti Moira Micallef.

*"Għaldaqstant, l-esponenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalunkwe provvediment opportun, tikkonsidra;*

1. *Dawk id-duplikazzjoni fil-proċeduri li huma għall-parti mill-istess kambjala, li qed tistenna l-esitu tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati Rikors Numru 191/21;*

2. *Ir-rexissjoni tal-bejgħ;*

3. *Il-fatt li l-esponenti raddet lura l-vettura lis-soċjeta' No Deposit Cars Malta Limited bi qbil bejniethom bħala raġunijiet gravi u validi biżżejjed sabiex twaqqaf, tissosspendi l-eżekuzzjoni ta' dawn il-kambjali;*

4. *Tisma' l-provi u tiddikjara li dan il-kreditu m'għandux jiġi rez ezekuttiv stante li l-ebda somma ma hija dovuta mill-esponenti, anzi li għandha tieħu b'rifużjoni mis-soċjeta' No Deposit Cars Malta Limited.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata".*

Rat id-Digriet tagħha tal-1 ta' Marzu 2022 (*a fol.* 4) fejn il-Qorti ordnat in-notifika tar-Rikors lis-soċjetajiet Princess Holdings Limited u No Deposit Cars Malta Limited li ġew mogħtija żmien għaxart (10) ijiem min-notifika sabiex jekk riedu jippreżentaw Nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li xtaqu jagħmlu flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu l-pożizzjoni tagħhom.

Rat ir-Risposti tas-soċjetajiet No Deposit Cars Malta Limited (*a fol.* 6 *et seq.*) u Princess Holdings Limited (*a fol.* 13 *et seq.*) ippreżentati fit-18 ta' Marzu 2022 fejn oġġezzjonaw għat-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

Rat l-Ittra Uffiċċjali bin-Numru 5726/2021 ippreżentata fit-30 ta' Diċembru 2021 mis-soċjeta' intimata Princess Holdings Limited u mibgħuta lir-rikorrenti Moira Micallef.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- fit-23 ta' Ottubru 2018 ġiet iffirmata skrittura (*a fol.* 8 *et seq.*) bejn ir-rikorrenti Moira Micallef u s-soċjeta' intimata No Deposit Cars Malta Limited fejn ir-rikorrenti ntrabtet li tħallas is-somma ta' sitt mitt Euro (€600) fix-xahar sabiex takkwista vettura tal-għamla Land Rover bil-prezz finali ta' ħamsin elf u erba' mitt Euro (€50,400);

- ir-rikorrenti ffirmat numru ta' kambjali a favur tas-soċjeta' intimata No Deposit Cars Malta Limited;

- il-kambjali ffirmati mir-rikorrenti a favur tas-soċjeta' intimata No Deposit Cars Malta Limited ġew iġġirati lis-soċjeta' Princess Holdings Limited (dana jirriżulta minn fuq wara tal-kambjali li ġew eżebiti mal-Ittra Uffiċjali bin-Numru 5726/2021);

- fit-30 ta' Diċembru 2021 is-soċjeta intimata Princess Holdings Limited ippreżentat ittra uffiċċjali *ai termini* ta' Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ittra uffiċjali ġiet notifikata lil Moira Micallef fis-7 ta' Jannar 2022;

- fil-21 ta' Frar 2022 ġie ppreżentat ir-Rikors promutur mir-rikorrenti Moira Micallef fejn, fost l-oħrajn, talbet it-twaqqif u s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali annessi mal-ittra uffiċjali msemmija.

- fir-Risposti tagħhom (*a fol.* 6 *et seq.* u *a fol.* 13 *et seq.*) is-soċjetajiet intimati No Deposit Cars Malta Limited u Princess Holdings Limited jopponu dak li qed jintalab mir-rikorrenti Moira Micallef għal diversi raġunijiet elenkati fir-Risposti tagħhom, b'dan illi l-ewwel raġuni hemm elenkata hija dik li l-azzjoni tar-rikorrenti ġiet ippreżentata *fuori termine* minħabba li jsostnu li r-Rikors promutur ġie ppreżentat mir-rikorrenti wara li kienu

għaddew l-għoxrin jum min-notifika lilha tal-ittra uffiċjali hawn fuq imsemmija.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak mitlub fir-Rikors promutur, il-Qorti tinnota li, għal xi raġuni, ir-rikorrenti Moira Micallef ma kinitx kuntenta bil-vettura hawn fuq imsemmija u jidher li ppruvat tirritorna l-istess vettura lis-soċjeta' intimata No Deposit Cars Malta Limited pero' mhux ċar x'kienet ir-raġuni għalfejn dan seħħ.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li kambjala hija mezz ta' kif persuna li hija debitriċi lejn xi ħadd tiġi mġegħla tħallas id-dejn tagħha. F'dan ir-rigward issir riferenza għal dak li ngħad f'Digriet mogħti fl-20 ta' Diċembru 2021 **Fl-Atti Tal-Ittra Uffiċjali Numru 4650/2021 fl-ismijiet: Princess Holding Limited vs. Wesley Kock** (Rikors Numru 1168/2021) fejn il-Qorti kif diversament preseduta saħqet hekk:

> "14. Fil-liġi tagħna ma nsibux tifsira ta' kambjala, madankollu huwa magħruf li l-kambjala hija strument ta' kreditu, li bis-saħħa tiegħu persuna tiġi mġiegħla tħallas somma ta' flus lill-ħaddieħor;
>
> 15. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***John Giordmaina v. Joseph Pace et*** deċiża fis-7 ta' Lulju, 2006 fissret il-kambjala bħala,
>
> *"obbligazzjoni ta' persuna imsejħa t-traent, jew emittent, li ġġiegħel lil xi ħadd ieħor li jħallas, jew tħallas hi stess, lil xi ħadd ieħor imsejjaħ il-prenditur (payee), jew lill-possessur ta' l-istess kambjala, somma determinata fid-data ta' l-iskadenza."*
>
> 16. F'kuntest ta' kambjala jidhru dejjem tliet figuri jew karattri. L-ewwel figura hija dik dak tat-**<u>traent</u>**, li huwa l-bniedem li fil-kambjala jordna li jrid isir il-ħlas. It-tieni figura hija dik tat-**<u>trattarju jew aċċettant</u>**, li huwa l-bniedem li t-traent jindika bħala l-persuna li trid tħallas is-

> somma indikata fil-kambjala. Filwaqt li t-tielet figura hija dik tal-**<u>prenditur</u>**, li huwa l-bniedem li jrid jirċievi l-ħlas.
>
> [...]
>
> Tant kemm xogħol il-qorti f'din il-proċedura mhuwiex li toqgħod tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha, joħroġ mill-fatt li l-liġi trid li deċiżjoni marbuta mas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjala ma titteħidx b'sentenza iżda tingħata b'digriet;
>
> 25. Hekk ukoll, il-liġi ma titlobx li l-qorti għandha żżomm smigħ biex tisma' l-provi u ssottomissjonijiet tal-partijiet qabel tgħaddi biex tiddeċiedi jekk hija għandhiex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew le. Fil-fatt, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha ***Dr Ivan Gatt nomine v. Antoine Bartolo*** mogħtija fit-12 ta' Lulju, 2019, tenniet li digriet mogħti fi proċedura taħt l-**artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** ma jistax jitqies null għaliex ingħata bla ma kien hemm smigħ orali. Dan hu hekk għaliex il-liġi ma titlobx li għandha tinżamm seduta biex jingħata digriet taħt l-**artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**."

Illi, filwaqt li l-Qorti tikkondividi ma' dak li għadu kemm ġie kkwotat, il-Qorti tinnota wkoll li l-analiżi li trid tagħmel f'Rikorsi simili hija analiżi *prima faċie*. F'dan ir-rigward, il-Qorti tirreferi għal provvediment mogħti fis-17 ta' Ġunju 2015 **Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali bin-Numru 96/15 fl-ismijiet: Daniel Borg vs. Mark Casha (**Rikors Numru 85/2015), fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> "Tqis illi din hija proċedura preliminari ta' stħarriġ u verifika fejn il-Qorti tista' tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note* bħala titolu eżekuttiv f'każ li minn din il-proċedura preliminari jirriżulta *prima facie* (i) illi l-firma fuq il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx ta' min ikun qed jopponi għall-eżekuzzjoni tagħha jew tar-rappreżentant tiegħu jew (ii) ikunu jeżistu raġunijiet oħra gravi u validi biex issir

> oppożizzjoni għal dik l-eżekuzzjoni. F'każ li l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala *ai termini* tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, biex wieħed jeżiġi l-ħlas tal-kambjala dan ikollu jiftaħ kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ".

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel l-istħarreġ tagħha dwar it-talbiet imressqa mir-rikorrenti Moira Micallef fir-Rikors tagħha, il-Qorti jidhirlha li jkun opportun li l-ewwel tistħarreġ l-ewwel eċċezzjoni mressqa mis-soċjetajiet intimati fir-Risposti rispettivi tagħhom.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel Eċċezzjoni Mressqa Mis-Soċjetajiet Intimati (Ir-Rikors ġie ppreżentat *fuori termine*):</u>**

Illi f'din l-ewwel eċċezzjoni s-soċjetajiet intimati jsostnu li r-Rikors ippreżentat mir-rikorrenti Moira Micallef ġie ippreżentat tardivament. Huma jgħidu dan minħabba li Artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti.

> "Huma titoli eżekuttivi:
>
> [...]
>
> (e) kambjali u *promissory notes* maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ:
>
> B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew *promissory note* tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, **<u>u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* esegwibbli</u>**, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju

> tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.
>
> L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullita', tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso." [emfażi miżjuda]

Illi b'hekk isegwi li, skont dan l-Artikolu appena kkwotat, ir-Rikors promutur kellu jiġi ppreżentat mir-rikorrenti Moira Micallef fi żmien għoxrin jum minn meta l-ittra uffiċċjali ġiet notifikata lilha u ċioé għoxrin jum mis-7 ta' Jannar 2022, liema data tirriżulta mill-ittra uffiċjali mibgħuta lir-rikorrenti Moira Micallef (Ittra Uffiċjali bin-Numru 5726/2021). Għal kull buon fini jingħad ukoll li l-ittra uffiċjali mibgħuta lir-rikorrenti għandha s-segwenti miktub fuqha:

> "Din l-ittra uffiċjali qed tinbagħat *ai termini* tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex tirrendi kambjala eżegwibbli u f'każ li inti ma tagħmilx rikors fiż-żmien għoxrin (2) ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali *ai termini* tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex topponi l-eżekuzzjoni tal-istess kambjala jew jidhirlek illi l-firma fuq il-kambjala mhijiex tiegħek jew tal-mandatarju tiegħek jew jekk jidhirlek illi hemm raġunijiet gravi u validi biex topponi din l-eżekuzzjoni, il-kambjala tiġi reża eżegwibbli".

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li r-Rikors promutur ġie ppreżentat fil-21 ta' Frar 2022 u ċioe' *ben oltre* t-terminu ta' għoxrin jum preskritt mil-liġi!

Illi l-Qorti tinnota li meta l-liġi tistabilixxi terminu, f'liema terminu għandha tinbeda azzjoni, dan it-terminu jkun wieħed perentorju. Il-Qorti żżid tgħid li t-terminu ta' għoxrin jum stabbilit mil-leġislatur fil-*proviso* ta' Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa terminu intiż sabiex tinbeda azzjoni għas-sospensjoni

tal-eżekuzzjoni tal-kambjala u għalhekk huwa terminu ta' dekadenza.

Illi, fil-ġurisprudenza nostrana, it-terminu hawn fuq imsemmi huwa terminu marbut ma' l-ordni pubbliku u ma jistax jiġi mwarrab bl-ebda mod. Saħansitra l-Qorti tista' tqajjem eċċezzjoni *ex officio* f'dan is-sens. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' April 2015 fil-kawża fl-ismijiet **Vassallo Concrete Services Limited vs. Direttur Ġenerali (Kuntratti)** (Numru 64/2011/1), fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

> "It-termini proċedurali huma termini li jolqtu z-żmien li fih att ġudizzjarju għandu jiġi pprezentat, liema att jitqies irritu u null jekk ma jiġix ippreżentat fi żmien preskritt. In-nuqqas ta' osservanza ta' terminu bħal dan huwa sollevabli *ex officio* peress illi r-regoli li jirregolaw il-kondotta tal-proċeduri quddiem il-qrati huma ta' ordni pubbliku, u ma jistax jiġi permess il-kuntrarju ta' dak stabbilit, anke jekk hemm qbil bejn il-partijiet
>
> Fil-fehma ta' din il-Qorti, mhux materjali jekk din l-azzjoni għandhiex tiġi kkunsidrata bħala kontinwazzjoni fi grad superjuri tal-proċeduri mibdija quddiem il-Bord tal-Appell jew azzjoni *ex novo*, għax f'kull każ, hi azzjoni li kellha ssir f'terminu pre-determinat, mhux bħala preskrizzjoni, iżda bħala żmien konċess biex jintalab rimedju speċifiku u allura kellu jiġi segwit *ad ungwem*."

Illi l-istess fehma ġiet espressa minn din il-Qorti diversament preseduta f'Digriet mogħti fis-7 ta' Ottubru 2021 **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 802/2021 fl-ismijiet: Johan Huy pro et noe vs. Mark Attard** (Numru 926/2021), fejn il-Qorti spjegat is-segwenti:

> "34. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Sammut v. Pellegrini Petit**, deċiża kważi mitt sena ilu fis-16 ta' Novembru 1920,

> *"… quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anzicché di prescrizione, é termine di decadenza, nel senso che decorso quel termine, quell'atto non sarebbe più ammissibile";*
>
> 35. Hekk ukoll, bħalma tajjeb qalet il-Qorti tal-Appell fiż-żminijiet aktar qrib għal-lum, fis-sentenza **Wasim Rakib v. Bord Tal-Appelli Dwar Ir-Rifuġjati e**t deċiża fil-5 ta' Ottubru, 2018:
>
> *"termini ta' żmien stabbiliti mil-liġi għat-tressiq ta' atti tal-Qorti għandhom il-karatteristika ta' termini ta' dekadenza, u għalhekk huma perentorji. Dawn jitolbu l-ħarsien ad unguem u huma ta' ordni pubbliku (App. Inf. PS 6.2.2008 fil-kawża fl-ismijiet* ***Kenneth Abela v. Aplan Limited*** *et), li jistgħu jitqajmu ex ufficio minn qorti jew minn tribunal (App. Inf. PS 12.12.2007 fil-kawża fl-ismijiet* ***Salina Wharf Marketing Ltd v. Malta Tourism Authority*** *u App. Inf. PS 12.2.2010 fil-kawża fl-ismijiet* ***Mirjana Kovecevic v. Myoka Management Ltd****). Huma termini li ma jistgħux jinbidlu jew jittawwlu, imqar jekk kull parti taqbel dwar dan (App. Inf. (RRB) 21.3.1997 fil-kawża fl-ismijiet* ***Giuseppe Caruana v. Charles Psaila*** *(mhix pubblikata))."“*

Illi fuq l-istess linja ta' ħsieb, fis-sentenza mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2010 fl-ismijiet **Daniela Zwack-Wandrey vs. Messrs. In-Sight Ltd** (Numru 505/2009/1), il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet is-segwenti:

> "Din in-natura inderogabbli tat-termini proċesswali ġġib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistgħux jiġu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke d-dekors inutili tagħhom ma jkunx imputabbli lil parti interessata. Dan għal motiv illi dik l-improrogabilita' hi hekk neċessarju għal raġuni ta' ċertezza u, ukoll, ta' uniformita'. Sewwa ħafna ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta illi *"l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u f'ligijiet oħra speċjali li jirregolaw il-kondotta tal-proċeduri quddiem il-Qrati u*

> *quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistgħux jiġu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula*" ("**Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila**", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu, 1997)". Ara "**Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority**", Appell Inferjuri, 12 ta' Diċembru, 2007."

Illi, b'konsegwenza ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti tikkunsidra li ġialadarba r-Rikors promutur tar-rikorrenti Moira Micallef ġie ppreżentat *ben oltre* t-terminu rikjest fil-proviso ta' Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk ir-Rikors ġie ppreżentat tardivament isegwi li l-istess Rikors ma jistax jiġi kkunsidrat u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni in eżami u mqajjma mis-soċjetajiet intimati Princess Holdings Limited u No Deposit Cars Malta Limited fir-Risposti tagħhom ser tiġi milqugħa.

Illi ġialadarba l-Qorti ser tilqa' l-ewwel eċċezzjoni mressqa fir-Risposti tas-soċjetajiet intimati ma hemmx ħtieġa li l-Qorti tikkunsidra l-mertu tat-talbiet imressqa mir-rikorrenti Moira Micallef fir-Rikors tagħha u tal-eċċezzjonijiet l-oħra mressqa mis-soċjetajiet intimati fir-Risposti tagħhom.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetajiet intimati Princess Holdings Limited u No Deposit Cars Malta Limited fis-sens illi l-azzjoni mressqa mir-rikorrenti Moira Micallef ġiet ippreżentata *fuori termine* u konsegwentement tiddikjara l-azzjoni irritwali u nulla.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mir-rikorrenti Moira Micallef.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |